MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 42/2018

Il-Ħamis 15 ta' Frar 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Is-Sinjura Maria Saliba – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

42.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Christian Cassar u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba, kienu skużati. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġiji.

### 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

42.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 41/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

42.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

42.2.3 Il-Viċi-Sindku s-Sur Daniel Cordina għamel punt fuq il-minuti 41.5.11 fejn qal, li hu kien qal ukoll li la darba t-triq tippermetti, hu jkun favur li jsir *disabled parking* hemmhekk.

Chev Carmelo Saliba għamel punt fuq minuti 41.4.1 fejn qal li l-proposta biex tinbidel it-tabella 'Sqaq Anton Mallia' kienet saret minnu.

42.2.4 Wara li saru l-korrezzjonijiet, is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

42.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-bżonn li jiġi organizzat l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali mill-karti li hemm fuq il-*cabinets* billi jinġabru ġo *box files* u tinxtara xi *stationery*. Is-Sindku qal li wara li nġabret kwotazzjoni l-ammont kien ta' madwar €350. Il-Kunsill qabel dwar dan. Is-Sindku qal ukoll li l-photocopier qiegħda tagħmel il-ħsara ta' sikwit fejn diġa nbidel id-drum tagħha u xorta għadha bil-problemi. Il-Viċi Sindku qal li jista' jkun li għadha taħt garanzija. Chev C Saliba qal li jekk ma taqax taħt il-garanzija, ikun aħjar li l-ewwel issir stima ta' kemm ser tiġi tiswa din il-ħsara u jekk filkas ikun jaqbel li tinxtara

waħda ġdida. Kien hemm qbil fuq dan ukoll.

42.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar ħsarat fil-muturi tal-qtugħ tal-ħaxix fejn minn tnejn li għandu l-Kunsill ġie rranġat wieħed. Is-Sindku qal li b'wieħed ma jaħdmux kif mixtieq u għalhekk hemm il-bżonn li jinxtara ieħor u minn kwotazzjonijiet li nġabru ser jiswa madwar €550. Il-Kunsill qabel li jinxtara mutur tal-qtugħ tal-ħaxix ieħor.

42.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li l-Ministeru għal Għawdex għadda s-somma ta' €70,325.21 sabiex isir wiċċ ġdid għal Triq Ħal Sagħtrija, issa ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti. Is-Sindku qal li jrid jinħatar bord tal-evalwazzjoni u skont ir-regolamenti, dan il-bord jrid jikkonsisti minn *Chairperson*, Segretarju, Perit, Accountant u Avukat. Il-Kunsill qabel li jinħatru kif ġej:

*Chairperson*: Is-Sur William Sultana
Segretarju tal-bord: Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill
Perit: Il-Perit Joe Dimech
Avukat: Dr Mario Scerri
Accountant: Is-Sur Daniel Galea

42.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar is-Sibt 10 ta' Frar 2018 waqgħet bozza tat-triq 093 bil-maltemp fi Triq Ġoma. Dan ġie irrappurtat lill-Kunsill it-Tnejn 12 ta' Frar 2018 iżda x'ħin ħaddiem minn tal-Kunsill mar biex jiġborha din ma nstabitx. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel rapport għand il-Pulizija dwar dan 10/Z/565/2018.

42.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li sar vandaliżmu fuq il-monument Ġnien Serħan is-Sagħtrija billi xi ħadd tefa' xi żebgħa fuqu u nkissret il-plakka kommemorattiva. Qal ukoll li sar rapport lill-Pulizija 10/Z/564/2018.
Il-Viċi Sindku qal li dan l-aġir hu tal-mistħija fejn ġie vvandalizzat monument li kellhom sehem f'dan il-proġett it-tfal tar-raħal.
Chev C Saliba ikkundanna dan l-att u qal li hemm bżonn jerġgħu jiġu *re-instated* it-tifkiriet kollha li kien hawn fir-raħal inkluż dak tal-'Għajn tal-Kunsill' fi Triq iż-Żebbuġ. Kien hemm qbil dwar dan.
Is-Sindku semma l-monument ta' Pjazza l-Assunta fejn Chev C Saliba qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qed jiġi kkordinat ix-xogħol biex jinġarr u jitqiegħed dan il-monument f'postu. Chev C Saliba qal ukoll li hemm bżonn issir plakka kommemorattiva li tfakkar il-vittmi tal-gwerra. Kien hemm qbil

dwar dan.

42.3.6 Is-Sindku awgura lill-Assistent Prinċipal Liliana Borg li bdiet l-impjieg tagħha mal-Kunsill nhar l-1 ta' Frar 2018. Huwa reġa spjega kif kien il-proċess tal-ħatra tagħha fejn skont il-proċeduri tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-sejħa l-ewwel riedet issir għall-impjegati tal-Kunsilli Lokali ta' Malta kollha. Il-membri tal-Kunsill Lokali għażlu lil Liliana Borg wara rakkomandazzjoni tal-bord tal-għażla. Is-Sindku qal li Liliana Borg qiegħda fil-pool tas-Segretarji Eżekuttivi u fin-nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Ryan Debrincat, hi tassumi r-responsabiltajiet tiegħu bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ressaq ukoll għall-approvazzjoni t-talba biex Liliana Borg tingħata l-*qualifications allowance* skond kif stipulat fil-PSMC. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill dwar dan.

Chev C Saliba ressaq vot ta' ringrazzjament lejn is-Sinjura Josianne Cassar għax-xogħol siewi li għamlet favur il-lokalita'. Dan il-vot ġie ssekondat mis-Sindku. Is-Sinjura Sandra Grech ivvutat favur dan il-vot. Is-Sur Daniel Cordina qal li għalkemm kien diffiċli li jaħdem u jikkomunika magħha xorta waħda ser jivvota favur.

42.3.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill li rċieva taħrika ta' xhud bħala Sindku sabiex jitla' jippreżenta l-minuti ta' meta l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni fuq il-proġett ta' investiment mill-privat fil-Pjazza tar-raħal taż-Żebbuġ. Is-Sindku qal li hu mar jippreżenta l-minuti u reġa ddikjara l-interess personali quddiem it-tribunal.

Chev C Saliba qal li l-minuti huma pubbliċi u faċilment it-tribunal seta' jirreferi għalihom *online*.

42.3.8 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-Pulizija kemm 'il darba dwar Sqaq ta' Sajku fejn intbagħtu wkoll ittri anonimi rigward dan il-passaġġ. Is-Sindku iddikjara li qatt ma ra karozzi għaddejjin minn hemm. Is-Sindku qal ukoll li jekk il-Pulizija jridu jkunu jafu jekk dan l-isqaq hux pubbliku jew privat għandhom imorru għand l-Awtorita tal-Artijiet biex jivverifikaw.

Chev C Saliba ikkonferma li dak l-isqaq mhux aċċessibli għat-traffiku. Huwa qal li ikun aktar prattiku, bl-ammont ta' karozzi li hawn fir-raħal u la darba tippermetti, tipparkja karozza hemm.

Il-Viċi Sindku appella lin-nies biex meta jkollhom xi problema javviċinaw xi membru tal-Kunsill tal-fiduċja tagħhom personalment iżda qatt m'għandhom jirrikorru għall-ittri anonimi. Is-Sinjura Sandra Grech ukoll saħqet dan.

Il-membri tal-Kunsill stqarrew li qatt ma raw karozzi għaddejjin minn dan l-isqaq. Is-Sindku qal li kien sar kejl ta' dan l-isqaq meta kien hemm il-karozza ta' Ġorġ Cefai pparkjata fl-isqaq u kien baqa' kważi erbgħa piedi jiġifieri *wheelchair* kienet tgħaddi minn hemm xorta waħda avolja bil-karozza pparkjata.

## 42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

42.4.1 Il-Viċi Sindku is-Sur Daniel Cordina semma dawn il-punti:

- Fuq il-*boathouses* tax-Xwejni hemm xi ġebel u trab biex jitneħħa għax perikoluż għan-nies li jkun hemm isfel. L-istess taħt il-Qolla l-Bajda in-naħa tal-bajja. Il-Kunsill qabel li nibagħtu email lill-*intervention team* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.
- Dwar il-bollards li ġew approvati għal quddiem iċ-ċimiterju taż-Żebbuġ hemm bżonn 6 u mhux 4. Il-Kunsill qabel li jsiru 6 mhux 4.
- Il-problema tal-ħmieg tal-klieb. Is-Segretarju Eżekuttiv fuq din il-problema qal li din il-ġimgħa ġie avviċinat minn gwardjan lokali li ser jibda' jissorvelja l-lokalitajiet kollha f'Għawdex fejn jirrigwardja l-ambjent u l-indafa pubblika. Il-Kunsill qabel li jinħareġ avviż sabiex ir-residenti tal-lokalita' ikunu mgħarrfa dwar dan.
- *Patching* fil-lokalita' speċjalment id-dawra tal-purċissjoni, kif ukoll fi Triq il-Mitħna hemm it-tarmak intrefa' minħabba l-għeruq tal-palma. Is-Sindku qal li se jdur mal-Perit jara fejn hemm il-bżonn ta' *patching*. Fuq dan il-punt ta' Triq il-Mitħna, Chev C Saliba ssuġġerixxa li titneħħa r-*roadhump* li hemm f'din it-triq u titwaħħal tabella biex is-sewwieqa jżommu limitu ta' sewqan ta' 15km f'dik it-triq. Il-Kunsill qabel dwar dan.
- Xi sidien ta' dgħajjes ilmentaw li fil-baħar ħdejn l-islipway tal-Qbajjar hemm xi ħofra kbira li qed isibu diffikulta' biex ivaraw id-dgħajjes. Il-Kunsill qabel li tintbagħat *email* lill-Ministeru għal Għawdex biex titranġa.
- Il-ħaxix li jinqata' minn madwar it-toroq tal-lokalita' wara li jinġabar fi xkejjer mill-ħaddiema tal-Kunsill, dan jista' jintrema' permezz ta' servizz tal-Ministeru għal Għawdex. Issuġġerixxa sabiex isir kuntatt mas-Sur Charles Spiteri mill-Ministeru għal Għawdex sabiex isir ftehim.
- Xi snin ilu, f'Marsalforn kien isir Summer Festival f'għeluq iż-żmien tas-

- Sajf u s-Sur Daniel Cordina qed jissuġġerixxi sabiex dan jerġa jibda jsir bis-sehem tal-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa f'laqgħa oħra.
- Triq taċ-Ċaqra beda x-xogħol u s-Sur Cordina staqsa meta ser jitkompla. Is-Sindku wieġbu li minħabba l-maltemp, dan ix-xogħol kellu jieqaf.

42.4.2 Is-Sinjura Sandra Grech semmiet dawn il-punti:

- Saru *double yellow lines* fi Triq iż-Żebbuġ fuq in-naħa l-ħażina. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol ma kienx ordnat direttament mill-Kunsill Lokali iżda l-Kunsill avża lil Transport Malta li saru fuq in-naħa l-ħazina tat-triq.
- Fuq il-Moll tax-Xwejni hi semmiet jekk hux ser issir rampa bħalma kien hemm qabel. Is-Sindku wieġeb li ser issir.
- Fi Triq Għajn Quċċat hemm biċċa mit-triq bla konkos u hemm bżonn li ssir xi ħaga peress li qed jaqbeż l-ilma. Il-Kunsill qabel li tingħata dik il-biċċa bil-konkos.
- Ta' Milied hemm bżonn titranġa b'wiċċ ġdid iżda peress li l-Kunsill għaddej b'ħafna xogħlijiet, is-Sinjura Sandra Grech qiegħdha tiproponi li ssir laqgħa mal-Ministru biex tingħata ftit għajnuna. Il-Kunsill qabel li jsir appuntament.

42.4.3 Chev Carmelo Saliba semma dawn il-punti li ġejjin li kienu approvati fil-laqgħat ta' qabel biex jara xi progress sar fuqhom u biex is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid ikun jaf bihom ukoll:

- Triq Daħlet tal-Merżuq biex tiġi nkluża mal-iStreet Naming Committee.
- Proposta biex jitneħħa l-periklu fi Triq iż-Żebbuġ li sa issa għadu ma tneħħiex kompletament.
- L-aċċessibilta' għall-passaġġ t'Abram.
- Tabella, dwal u tindif tax-*shelters.* Fuq dan il-punt is-Sindku wieġeb li bħalissa x-xogħol miexi biex titnaddaf iż-żona u jitneħħa l-periklu. Kif jitlesta t-tindif isir id-dawl u titwaħħal it-tabella.
- Bollards fi Triq il-Knisja
- Tindif tal-Culvert fi Triq il-Knisja
- Reserved parking ta' 38, Triq Skapuċċina
- Tabella Pjazza tal-Virtut biex titwaħħal
- Pubblikazzjoni ta' ktieb miktub minn Profs. Horatio
- Proposta sabiex titranġa l-entratura tal-Kunsill

- Proposta biex Triq ta' Ċenċ issir aċċessibli għat-Trasport Pubbliku u ssuġġerixxa li tintbagħat ittra lil Ministeru għal Għawdex fuq dan peress li fil-preżent iż-Żebbuġ għandu aċċess wieħed.
- Stop sign miżbugħa mal-art fi Triq is-Sagħtrija u tabella STOP.
- Hair cut għal Puttinu Cares f'Jum iż-Żebbuġ

Chev Carmelo Saliba semma wkoll is-sitwazzjoni tal-applikazzjoni li l-Kunsill kien issottometta dwar fondi tal-EU sabiex jitranġaw toroq rurali. I-Sindku wieġeb li l-Kunsill Lokali sa issa ma ngħatax dawn il-fondi.

Chev Carmelo Saliba staqsa dwar il-ġemellaġġ ma Lanuvio u qal li l-pass li jmiss hu li jsir l-iskambju f'Lanuvio mir-residenti taż-Żebbuġ. Huwa staqsa fuq x'ħa jiġri mir-rwol tas-Sinjura Josianne Cassar fuq il-ġemellaġġ. Il-Viċi-sindku wieġeb minnufih li issa għandna Segretarju Eżekuttiv ġdid u dak l-irwol jista' jieħdu hu. Is-Sindku wieġeb li l-ewwel pass li jmiss hu li jinġabru l-flus kollha li ntefqu f'dan il-ġemellaġġ imbagħad naraw x'ser isir.

Chev C Saliba talab lis-Sindku biex ma jħallix lill-Viċi Sindku jinterrompih waqt il-ħin tal-mistoqsijiet tiegħu u rtira mil-laqgħa, il-ħin kien fis-6.45pm.

## 42.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

42.5.1 Avv Chris Said – Ittra għan-nom ta' Joseph Attard

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Chris Said għan-nom ta' Joseph Attard rigward il-*pedestrian crossing* ta' Triq il-Qbajjar. Huwa qed jiġbed l-attenzjoni li l-arblu tad-dawl ser jiġi eżatt quddiem il-bieb tal-ħanut tas-Sur Attard u qed jitlob lill-Kunsill jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu. Is-Sindku qal li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn.

42.5.2 Earth Day Clean Up

Il-Kunsill irċieva korrispondenza b'*email* sabiex il-Kunsill jissieħeb ukoll flimkien ma' Kunsilli oħra f'Malta u Għawdex biex issir Earth Day Clean Up 2018. Din l-għaqda qiegħdha titlob sabiex il-Kunsill jipprovdi 100 borża sewda tal-iskart imħallat, 100 borża griża tal-iskart riċiklat, kaxxa ingwanti *latex* u kaxxa għall-oġġetti bil-ponta jew li jaqtgħu. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva.

42.5.3 Classic Car Shows

Il-Kunsill irċieva *email* mill-għaqda FMVA fejn tixtieq torganizza *car show* fi

Pjazza l-Assunta nhar il-11 ta' Marzu 2018 mit-8.00am 'il quddiem. FMVA qiegħdha titlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jiġi kkontrollat it-traffiku permezz ta gwardjani lokali. Il-Kunsill qabel li jipprovdi l-gwardjani lokali.

42.5.4 Youth Guarantee Malta - EU placement

Il-Kunsill irċieva *email* mingħand is-Sur Alex Calleja li jixtieq jaħdem mal-Kunsill għal 240 siegħa taħt l-iskema Youth Guarantee Jobs Plus. Il-ħin tax-xogħol ikun ta' 20 siegħa fil-ġimgħa għal tnax-il ġimgħa u l-paga titħallas direttament mill-JobsPlus. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta fejn is-Sur Alex Calleja jista' jagħti daqqa t'id siewja fil-filing u fit-tqassim tal-boroż tar-reċiklaġġ.

42.5.5 Il-Kunsill irċieva *email* mingħand Jennifer Bonello sabiex jiġu estiżi l-klassijiet tal-aerobics b'10 sessjonijiet oħra bl-istess metodu bħalma kienu saru sa issa. Il-Kunsill qabel li jiġu estiżi dawn l-10 sessjonijiet.

42.5.6 Cir AKL 2018/04 – WiFi4EU

L-Assoċċjazzjoni bagħtet ċirkulari sabiex tiġbor lista ta' Kunsilli Lokali li huma nteressati li jitwassal il-wifi f'postijiet daqxejn rimoti. L-UE se tkun qed tħallas l-ispiża kapitali sa massimu ta' €15,000 filwaqt li l-kunsill iħallas spejjeż rikorrenti għall-minimu ta' tlett snin. Il-Kunsill qabel li japplika biex dan il-Wifi isir fil-*playingfield* taż-Żebbuġ ħdejn l-iskola.

42.5.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand GO plc sabiex jiġu riveduti t-tariffi tat-telefon ċellulari u tat-telefon tal-uffiċċju tal-Kunsill. Din ir-reviżjoni ser tnaqqas l-ispiża tal-Kunsill fil-kera u l-konsum ta' dawn is-servizzi b'madwar €40 fix-xahar u jingħata telefon ċellulari ġdid b'kuntratt li jinżammu s-servizz mal-istess kumpanija għall-perjodu ta' sentejn. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

42.5.8 Premju Żagħżugħ tas-Sena 2017

Wara nominazzjoni mill-Kunsill Lokali għal Premju Żagħżugħ tas-Sena, is-serata finali fejn Ms Felicienne Cini hija finalista , ser tittella' nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018 fil-knisja ta' San Duminku, ir-Rabat Malta. Il-Kunsill iddeċieda li jattendi għal din is-serata u jagħti s-sapport tiegħu.

42.5.9 Wara li sar ir-rapport tas-saħħa u s-sigurta' fl-uffiċċju tal-Kunsill, ħareġ li l-Kunsill għandu xi nuqqasijiet u hemm bżonn li jiġu nstallati *emergency exit signs*, *fire* u *smoke detectors*, *emergency lights*, *fire extinguisher* u *fire blanket*.

Il-Kunsill qabel sabiex jinġabru l-kwotazzjonijiet u jiġu nstallati r-rekwiżiti sabiex inkunu konformi mar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurta.

42.5.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Teatru Malta fejn xtaqu li ssir laqgħa mal-Kunsill Lokali. Teatru Malta b'kollaborazzjoni ma' Valletta 2018 qed ifittxu post sabiex itellgħu serata bit-titlu 'l-Ikla t-Tajba' maqsuma fuq madwar 8 ijiem. Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgħa.

42.5.11 Il-Kunsill bagħat email lil ex-impjegati is-Sinjura Diane Tagliaferro u lis-Sinjura Micheline Cutajar wara li nnota li f'Jannar 2017 u f'April 2017 kienu tħallsu xi kontribuzzjonijiet nieqsa min-naħa tagħhom. Għalhekk il-Kunsill infurmahom li jridu jħallsu l-pendenzi rispettivi tagħhom li jammontaw għal €34.66 mingħand is-Sinjura Micheline Cutajar u €460.47 mingħand is-Sinjura Diane Tagliaferro.

42.5.12 Applikazzjonijiet tad-Divertiment

- Mariella & Mark Burbon o.b.o. Dreamdays – Civil Wedding Ceremony - Xwejni Salt Pans – 08/06/2018
- Aleksandra Obradovic – Civil Wedding Ceremony - Xwejni Salt Pans – 01/09/2018

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet.

42.5.13 Ilment 06/2018 – A. Farrugia
Qed jilmenta li hemm periklu kbir fit-triq quddiem il-MUSEUM fi Triq Madonna taċ-Ċiċri minħabba sewqan aċċessiv. Il-Kunsill qabel li jittieħed parir mingħand Transport Malta dwar x'jista' jsir f'dan il-każ.

42.5.14 Ilment 07/2018 – Chev. C. Saliba
Suġġeriment sabiex jiddawwal is-sies u l-ħajt tas-sejjieħ fid-daħla tar-raħal. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 42.6 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (budget) għas-sena 2018;

42.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-Estimi Finanzjarji (budget) għas-sena 2018. Il-Kunsill iddiskuta dawn l-estimi fejn ħareġ il-punt li għas-sena 2018 ser isiru l-proġetti li diġa ħarget is-sejħa għalihom u li fil-qagħda finanzjarja li qiegħed fih il-Kunsill mhux ser ikun possibli li jsiru proġetti kapitali ġodda.

L-estimi finanzjarji għas-sena 2018 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti.

## 42.7 Il-Pjan tal-Ħidma 2018-2020;

42.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-Pjan tal-Ħidma għas-snin 2018 – 2020. Wara li ġie diskuss, il-Kunsill approva unanimament dan il-pjan kif preżentat.

## 42.8 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2017;

42.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-*Financial Statements* għas-sena 2017. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-*Financial Statements* fejn ħareġ il-bżonn li l-Kunsill joqgħod attent aktar minn qatt qabel biex jirkupra l-iżbilanċ ta' €37,078 li sar fit-2017.
Il-Financial Statements għas-sena 2017 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti.

## 42.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 31/2018 għall-perjodu bejn it-18 ta' Jannar 2018 u l-14 ta' Frar 2018 li tammonta għal €26,316.78 kienet approvata u ffirmata.

## 42.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 20 ta' Marzu 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 20 ta' Marzu 2018.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| **Nicky Saliba** | **Ryan Debrincat** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |